MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 526/2006

**Gutenburg u b'digriet tal-5 ta' Frar 2007 l-isem "Gutenburg" gie mibdul ghal "Gutenberg" Press Limited (C-8936)**

**Vs**

**Raymond Gauci (I.D.826756M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta` u tmenin Liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm286.15) rapprezentanti bilanc dovut bhala prezz ta'servizz ta' stampar illi l-konvenut kien ordna u li baqghu ma' thallsux, nonostante illi gie interpellat ihallas diversi drabi inkluz bl-ittri legali datati 20 ta' Lulju 2005 u 28 ta' Frar 2006 u b'ittra ufficcjali tat-22 ta' Marzu 2006 ;

Bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz;

Ra l-verbal tat-18 ta’ Settembru 2006 li bih Dr Angelo Farrugia ghall-konvenut iddikjara illi ma kienx hemm oggezzjoni ghall-ammont mitlub izda kienu qed jigu kkontestati l-ispejjez mitluba ;

Ra illi fl-istess verbal, it-Tribunal, a skans ta’ spejjez zejda kien qed jammetti dan il-verbal bhala eccezzjoni ;

Ra illi l-kawza thalliet ghat-25 ta’ Ottubru 2006 ghall-provi u trattazzjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjes ;

Ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-Avukat tal-konvenut fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2006, li permezz taghha ammetta l-kawza minghajr ebda rizerva ;

Ra l-verbal tal-25 ta’ Ottubru 2006 fejn gie dikjarat illi l-partijiet qablu illi tinghata sentenza u jigi nkorporat fis-sentenza l-ftehim li kien qieghed hemmhekk jigi milhuq bejn l-istess partijiet fis-sens illi l-hlas da parti tal-konvenut lis-socjeta` attrici isir fi zmien sitt xhur ;

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza ;

Ra l-atti kollha tal-kawza ;

Ikkunsidra ghalhekk illi l-partijiet stess qablu, u dan il-qbil xtaquh jigi nkorporat f’din is-sentenza, illi l-hlas da parti tal-konvenut lis-socjeta` attrici isir fi zmien sitt xhur ;

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammissjoni tal-konvenut u l-ftehim milhuq bejn il-partijiet li xtaqu li jkun inkorporat fis-sentenza odjerna, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien sitt xhur mill-lum, huwa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u sitta u tmenin Liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm286.15), bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------